MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2013

Numru. 473/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**RAYMOND GRIMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Raymond Grima, ta' 52 sena bin Charles u Giovanna nee' Zammit, imwieled Birkirkara, fil-11 ta' Novembru 1960 u joqghod f 4, Falzon Court, Triq Annetto Caruana, Qawra, detentur tal-karta ta' l identita' numru 741360(M).

Gie akkuzat talli f'xi granet, bejn Novembru 2007 u Dicembru 2012, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin

minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hlasijiet ta' penzjoni u ghajnuna ghall-mard ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, b'valur li jeccedi l-€2,329.37;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum xehed George Cremona in rappresentanza tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali fejn ippresenta vera kopja ta' ftehim bhala Dok. GC 1 bejn id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u li l-imputat Raymond Grima (Ara Dok. GC 1 u deposizzjoni tax-xhud George Cremona moghtija fis-Seduta tallum).

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li tenut kont dak li xehed ix-xhud George Cremona u tenut kont ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqblu li l-Qorti ghandha tikkunsidra li ma taghtix lill-imputat piena karcerarja effettiva.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 18, 293 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Raymond Grima, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi

kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-imputat ghamel ftehim mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali (Ara Dok. GC 1) u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Raymond Grima ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Raymond Grima jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Grima l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------